

Brussell, 21 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14303/25

ENV 1065
CLIMA 454
AGRI 512
FORETS 92
ENER 543
TRANS 482
IND 442
SAN 651

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	21 ta' Ottubru 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13877/25	
Suġġett:	Strateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4126 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Ottubru 2025.

Strategġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. IFAKKAR fil-Patt Ekoloġiku Ewropew¹, l-acquis tal-UE dwar l-ilma, it-tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali² u l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli (b'mod partikolari l-SDG 6)³;
2. IFAKKAR fir-rikonoxximent mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015 tal-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur u nadif u s-sanità bħala drittijiet tal-bniedem⁴, fir-Riżoluzzjoni dwar, fost l-oħrajn, l-ilma universali u s-sanità fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' Diċembru 2023⁵ u r-Riżoluzzjoni dwar politiki effettivi u sostenibbli dwar l-ilma adottata mill-Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1 ta' Marzu 2024⁶;

¹ Id-dokument 15051/19 + ADD 1 - COM(2019) 640 final.

² ĠU L 114, 12.4.2022, pp. 22–36.

³ [Sustainable Development Goals: 17 Goals to Transform our World | United Nations](#)

⁴ [A/RES/70/169](#).

⁵ [A/RES/78/130](#).

⁶ [UNEP/EA.6/Res. 13](#).

3. IFAKKAR fil-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill inkluż dawk dwar *Ir-Reżiljenza tal-UE kontra l-Għargħar*⁷, *Deżertifikazzjoni, Degradazzjoni tal-Art u Nixfa*⁸, *It-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali*⁹, *Politika Agrikola Komuni ffukata fuq il-bdiewa għal wara l-2027 (PAK)*¹⁰ u *L-Ilma fl-Azzjoni Esterna tal-UE*¹¹;
4. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023¹²;
5. IFAKKAR fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza¹³, il-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għall-Kumulazzjoni tar-Riżervi tal-UE: Nagħtu spinta lill-preparatezza materjali tal-UE għall-krizijiet¹⁴ u l-Komunikazzjoni dwar il-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel¹⁵;
6. JIRRIKONOXXI r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma¹⁶ u d-Dikjarazzjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2023 dwar Patt Blu tal-UE¹⁷.

⁷ Dokument 16841/24.

⁸ Dokument 14146/24.

⁹ Dokument 11326/24 + COR 1.

¹⁰ Dokument 16694/24.

¹¹ Dokument 14108/21.

¹² EUCO 4/23.

¹³ JOIN(2025) 130 final.

¹⁴ COM(2025) 528 final.

¹⁵ COM(2025) 75 final.

¹⁶ [Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma.](#)

¹⁷ [Patt Blu tal-UE | KESE.](#)

I. KUMMENTI ĠENERALI

7. JILQA' l-adozzjoni tal-*Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma* bħala qafas f'waqtu u essenzjali biex jiġu żgurati l-ilma għan-nies, l-ekosistemi, is-sistemi tal-ikel sostenibbli u l-ekonomija fil-kuntest ta' klima li qed tinbidel, aktar skarsezza tal-ilma u nixfiet, pressjoni qawwija fuq l-ekosistemi inkluż iż-żieda fit-tniġġis u JISĦAQ fuq ir-rabtiet mal-Patt Ewropew għall-Oċeani u l-inizjattiva Ewropea li jmiss dwar ir-Reżiljenza għall-Klima u l-Immaniġġjar tar-Riskju.
8. JISĦAQ fuq l-importanza ta' approċċ mis-sors għall-baħar enfasizzat fl-Istrateġija u JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ dan l-approċċ filwaqt li tnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri bi proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.
9. JENFASIZZA li r-reżiljenza tal-ilma hija kwistjoni trasversali ewlenija li teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn u fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha tas-soċjetà u JIRRIKONNOXXI li xi Stati Membri adottaw strateġiji nazzjonali għar-reżiljenza tal-ilma.

10. JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti li jiġi restawrat u protett iċ-ċiklu tal-ilma bħala l-pedament tal-provvista tal-ilma tagħna, bħala bażi għal ekosistemi b'saħħithom u bħala mod kif tiġi żgurata reżiljenza akbar kontra okkorrenzi relatati mal-klima tal-estremataġiet tal-ilma bħall-ġhargħar u n-nixfiet u ż-żieda fit-temperaturi tal-ilma ħelu u tal-ilma baħar, inkluż l-ilmijiet kostali u ta' tranżizzjoni u JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu inkorporati xenarji tat-tibdil fil-klima fl-ippjanar fit-tul tal-ilma u l-iżvilupp tal-infrastruttura, f'konformità mal-valutazzjonijiet tal-IPCC.
11. JISĦAQ fuq l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ilma tal-UE fis-setturi kollha biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija u tas-settur tal-ilma tal-UE, tiġi ggarantita s-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija, tittejjeb it-tnejn għall-kriżijiet u jiġi żgurat l-aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità għal kulħadd kif ukoll għal riżorsi oħra tal-ilma.
12. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittejbu s-servizzi tal-ilma kif ukoll l-infrastruttura tad-distribuzzjoni u li jiġi żgurat aċċess ekwu għall-ilma għall-komunitajiet kollha, b'mod partikolari fil-gżejjer u f'żoni remoti u mhux moqdija biżżejjed. Dan jinkludi l-investiment fl-immodernizzar tan-networks eżistenti, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi ġodda, it-tnaqqis tat-telf tal-ilma, u t-titjib tal-effiċjenza tas-sistemi tat-twassil tal-ilma.

13. JIEĦU NOTA tas-sitwazzjoni ġeopolitika attwali u t-theddid u l-kondizzjonijiet esterni li timponi fuq l-Unjoni Ewropea u JISĦAQ li l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' din l-istrateġija ma għandux ikollha impatt negattiv fuq il-kapaċitajiet ta' difiża tal-Istati Membri; JISSOTTOLINJA li s-sigurtà tal-ilma hija prijorità strateġika għall-Unjoni u li s-servizzi tal-ilma jirrappreżentaw funzjonijiet soċjetali vitali u JENFASIZZA l-benefiċċji ekonomiċi tal-miżuri ta' reżiljenza tal-ilma.
14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-istrateġija u twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kif ukoll il-passi ppjanati li jmiss sal-2027, filwaqt li tinvolvi lill-Istati Membri fuq bażi regolari.

II. IMPLIMENTAZZJONI

15. JISĦAQ fuq il-ħtieġa urġenti għal implimentazzjoni mtejba tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ilma fis-setturi kollha u JIRRIKONOXXI li n-nuqqas ta' finanzjament u riżorsi umani fixkel l-implimentazzjoni b'mod konsiderevoli.
16. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea bl-għan li tikseb implimentazzjoni sħiħa u effettiva, tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-lakuni fl-implimentazzjoni, kif identifikati fl-aħħar valutazzjonijiet tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tar-Riskju tal-Baċin tax-Xmara u ta' Għargħar kif ukoll li tassisti lill-Istati Membri fl-użu tal-finanzjament disponibbli tal-UE u fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, kif ukoll li tibda d-djalogi strutturati mħabbra mal-Istati Membri kollha mingħajr dewmien.

17. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jintegraw ir-reżiljenza tal-ilma b'mod aktar sistematiku fil-finanzjament, fil-politiki u fis-setturi kollha, pereżempju fl-agrikoltura, fl-industrija, fil-bijoekonomija, fl-iżvilupp rurali u urban u fit-turiżmu, filwaqt li jippromwovu approċċ integrat u sostenibbli għall-immaniġġjar tal-ilma, inkluż l-approċċ mis-sors għall-baħar, il-kombinazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi innovattivi u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, l-ekonomija ċirkolari, il-prinċipju "l-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel", u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.
18. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, fejn possibbli, bħala miżuri effettivi, sostenibbli u b'diversi benefiċċji għat-tiżni tar-reżiljenza tal-ilma, ir-restawr u ż-żamma tal-ekosistemi u l-indirizzar tal-isfidi relatati mal-ilma, u JISĦAQ li l-użu tagħhom għandu jiġi segwit b'mod li jiżgura bilanċ u sinerġiji ottimali ma' soluzzjonijiet tekniċi u ta' inġinerija.
19. JIRRIKONOXXI li s-soluzzjonijiet u l-miżuri għandhom iqisu d-differenzi nazzjonali, reġjonali u lokali fi ħdan u bejn l-Istati Membri inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari l-kondizzjonijiet ġeografiċi, idroloġiċi, klimatiċi, tal-ekosistema, infrastrutturali, ekonomiċi u soċjali differenti.

20. JIRRIKONOXXI l-isfidi speċifiċi relatati mal-ilma li jiffaċċaw diversi gżejjer u Stati Membri gżejjer, inkluż l-aċċess limitat rikorrenti tagħhom għar-riżorsi tal-ilma hekk.
21. JISSOTTOLINJA l-importanza li ma jiġux miżjuda, u meta possibbli jitnaqqsu, il-piżijiet amministrattivi u finanzjarji fuq l-Istati Membri u s-settur privat meta jiġu implimentati l-miżuri ta' din l-istrateġija.
22. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu żgurati u appoġġati kooperazzjoni u koordinazzjoni transkonfinali uża' u f'waqthom imtejba dwar kwistjonijiet ta' mmaniġġjar tal-ilma, inkluż fir-rigward ta' għargħar u nixfiet u JIRRIKONOXXI l-isfidi speċifiċi tal-Istati Membri u r-reġjuni upstream u downstream għall-ilmijiet transkonfinali.
23. ITENNI l-importanza li jiġu indirizzati l-iskarsezza tal-ilma u r-reżiljenza imtejba tal-ilma permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, bħall-artijiet mistagħdra, u soluzzjonijiet tekniċi, bħall-użu mill-ġdid tal-ilma lil hinn mill-agrikoltura u d-desalinizzazzjoni sostenibbli u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-iżvilupp ta' standards għall-użu mill-ġdid sikur tal-ilma lil hinn mit-tisqija filwaqt li JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu rispettati l-kondizzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri u li jinżammu l-flessibbiltà u d-derogi previsti fir-Regolament dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Ilma.

III. THEJJJA U SIGURTÀ

24. JISĦAQ li r-reżiljenza tal-ilma hija ċentrali għat-thejjja għall-kriżijiet, l-awtonomija strateġika, l-istabbiltà soċjetali u finanzjarja, is-sostenibbiltà ambjentali u s-sigurtà tal-ikel, b'mod partikolari fid-dawl tal-intensifikazzjoni tal-iskarsezza tal-ilma, in-nixfiet, l-għargħar, it-tniġġis, u l-vulnerabbiltajiet tal-infrastruttura, kif ukoll l-aspetti tas-sigurtà relatati u l-kwistjonijiet tan-navigazzjoni interna.
25. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi indirizzat u prevenut it-tniġġis tal-ilma fis-sors, inkluż nutrijenti eċċessivi u sustanzi niġġiesa persistenti u emerġenti bħas-sustanzi Per- u polifluworoalkilati (PFAS) inkluż l-aċidu trifluworoaċetiku (TFA) u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea tiegħu l-miżuri meħtieġa f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE ta' Tniġġis Żero u l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà biex jitneħħew gradwalment is-sustanzi kimiċi l-aktar dannużi; JISĦAQ fuq l-urġenza li l-Unjoni tindirizza s-sustanzi niġġiesa fis-sors li jgħolqu riskju għas-sorsi vitali tagħna ta' ilma tax-xorb, b'mod partikolari dawk elenkati fid-Direttivi li jappartjenu għall-Ilma tax-Xorb, l-Istandards ta' Kwalità Ambjentali u l-Ilma ta' Taħt l-Art, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jintlaħaq l-istatus ta' kwalità u kwantità tajba għall-ilma fl-Ewropa kif previst mil-leġiżlazzjoni eżistenti bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.
26. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tadotta inizjattiva Ewropea dwar ir-Reżiljenza għall-Klima u l-Immaniġġjar tar-Riskju fl-2026 u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal koerenza mal-Istrateġija dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma; JISĦAQ fuq ir-rwol tar-reżiljenza tal-ilma fl-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u soluzzjonijiet tekniċi, immaniġġjar sostenibbli tal-ilma u infrastruttura reżiljenti.

27. JAPPOĠĠA t-tisħiħ tas-sigurtà tal-infrastruttura tal-ilma tal-UE kif ukoll tas-sistemi ta' twissija bikrija f'ħin reali għall-għargħar u n-nixfiet u l-iżvilupp ta' Copernicus, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' Ċentru tad-Data dwar l-Ilma biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Osservazzjoni tad-Dinja biex tiġi appoġġata l-immaniġġjar tal-ilma; JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat aċċess miftuħ u ekwu għal dawn l-għodod u d-data, kif ukoll appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għall-użu effettiv tagħhom.
28. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-aspetti tas-sigurtà tar-reżiljenza tal-ilma, inkluż ir-reżiljenza għal interruzzjonijiet esterni għall-provvista tal-ilma u l-infrastruttura tal-ilma mormi u l-kwalità tal-ilma, inkluż is-sabotaġġ, l-attakki ċibernetiċi u theddid estern ieħor.

IV. KOMPETITTIVITÀ, DIĠITALIZZAZZJONI U INNOVAZZJONI

29. JAPPOĠĠA l-għan tal-istrateġija li trawwem ekonomija kompetittiva intelliġenti fl-użu tal-ilma billi tissimplifika l-leġiżlazzjoni u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi.
30. JAPPOĠĠA t-tnaqqis tad-domanda għall-ilma fis-setturi kollha fejn meħtieġ, it-titjib tal-effiċjenza, il-promozzjoni tal-użu ta' riżorsi tal-ilma mhux konvenzjonali fejn xieraq, l-indirizzar ta' kwistjonijiet dwar it-tnixxijiet tal-ilma u l-infrastrutturi li qed jixjieħu, l-indirizzar tal-astrazzjoni illegali tal-ilma, it-tisħiħ ta' soluzzjonijiet infrastrutturali blu, ekoloġiċi u griżi u t-tnaqqis tal-astrazzjoni żejda filwaqt li jiġu rispettati d-differenzi nazzjonali u reġjonali.

31. JISSOTTOLINJA r-rwol strateġiku u essenzjali tar-riżorsi tal-ilma mhux konvenzjonali, inkluż l-użu mill-ġdid sikur tal-ilma mormi ttrattat u d-desalinizzazzjoni sostenibbli, b'mod partikolari għall-Istati Membri b'disponibbiltà limitata tal-ilma ħelu.
32. JIRRIKONOXXI li l-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel huma setturi strateġiċi għall-Unjoni Ewropea; JISSOTTOLINJA li s-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel tippreżumi settur agrikolu kompetittiv u ekonomikament vijabbli u JENFASIZZA li l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel jeħtieġ kwantità suffiċjenti ta' ilma ta' kwalità tajba u mmaniġġjar tad-domanda għall-ilma u l-impatti fuqu mis-settur agroalimentari kif ukoll it-tnaqqis tat-telf tal-ilma u l-appoġġ għal prattiki u teknoloġiji tal-biedja sostenibbli biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ilma tas-settur agrikolu filwaqt li jinżammu u jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema tal-ilma.
33. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prinċipju l-*Effiċjenza Idrika tiġi l-ewwel* u l-iżvilupp ta' metodoloġija konġunta għall-miri tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma, filwaqt li jiġu rispettati d-differenzi nazzjonali u reġjonali inkluż id-differenzi idroklimatiċi, jiġu rikonoxxuti l-isfidi speċifiċi relatati mal-ilma, u jittieħed kont tal-progress li diġà nkiseb, u punti ta' tluq differenti.
34. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jnaqqsu l-konsum tal-ilma f'setturi prijoritarji ewlenin bħall-enerġija, l-industrija, l-agrikoltura, l-industrija tal-kostruzzjoni u t-turiżmu.

35. JINKORAĠĠIXXI l-użu ta' għodod diġitali biex jittejjbu l-monitoraġġ, l-analiżi, ir-rappurtar, il-viżwalizzazzjoni, l-immaniġġjar tal-infrastruttura tal-ilma, u sensibilizzazzjoni tal-pubbliku bħala mod kif jittejjeb l-immaniġġjar tal-ilma u tissaħħaħ l-effiċjenza fl-użu tal-ilma fis-setturi u l-industriji kollha, filwaqt li jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa għal appoġġ għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u l-mikrointrapriżi u JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni għall-UE kollha dwar id-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-ilma, inkluż il-kejl intelliġenti, il-monitoraġġ mill-bogħod, u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jitbassru l-estremitàjiet idroloġiċi u jiġu ottimizzati l-operazzjonijiet.
36. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-immaniġġjar tal-ilma u t-teknoloġiji tal-ilma biex tissaħħaħ il-kompetittività, jiġu stimulat l-investimenti u tingħata spinta lin-negozji tal-Ewropa kif ukoll lill-istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka u JENFASIZZA li r-riċerka u l-innovazzjoni għandhom ikopru l-fażijiet kollha, inkluż ir-riċerka, il-pilotaġġ u l-implimentazzjoni inizjali biex jiġu appoġġati - espansjoni, l-adozzjoni mis-suq u l-użu ta' teknoloġiji għar-reżiljenza tal-ilma.
37. JENFASIZZA l-ħtieġa għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-edukazzjoni vokazzjonali u għolja fl-immaniġġjar tal-ilma biex jiġu pprovduti r-riżorsi umani adegwati għas-settur tal-ilma u JISSOTTOLINJA li għandhom jitwettqu u jiġu appoġġati finanzjarjament kampanji edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni, immirati lejn it-tfal, iż-żgħażaġh u l-iskejjel fil-livelli kollha, kif ukoll il-pubbliku ġenerali, u JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' programmi ta' studju relatati mal-ilma u taħriġ professjonali biex jinbena għarfien espert fit-tul fis-settur.
38. JINKORAĠĠIXXI aktar sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-użu responsabbli tal-ilma u biex tiġi implimentata l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma flimkien maċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u JINKORAĠĠIXXI żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar l-impronti fuq l-ilma tal-prodotti.

V. FINANZJAMENT U INVESTIMENTI

39. JIRRIKONOXXI l-ħtiġijiet ta' investiment sinifikanti biex tiġi implimentata l-aġenda dwar ir-reżiljenza tal-ilma u JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi żgurat finanzjament adegwat u aċċessibbli billi jiġu mobilizzati kemm riżorsi pubbliċi kif ukoll privati, inkluż il-finanzjament disponibbli tal-UE, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika fis-settur tal-ilma.
40. JIEĦU NOTA tal-elementi relatati mar-reżiljenza tal-ilma fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, inkluż opportunitajiet għall-promozzjoni tar-reżiljenza tal-ilma taħt il-Politika Agrikola Komuni u programmi oħra.
41. JISSOTTOLINJA d-diversi kondizzjonijiet tal-Istati Membri; JIRRIKONOXXI li d-Direttiva riveduta dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jintroduċu rekwiżiti addizzjonali li jinvolvu ħtiġijiet ta' finanzjament sinifikanti.
42. JILQA' l-Programm ta' Reżiljenza tal-Ilma tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-ħolqien ta' *Faċilità Konsultattiva dwar l-Ilma Sostenibbli* biex jissaħħu l-pipelines tal-proġetti u jiġu appoġġati l-Istati Membri u r-reġjuni, anke bl-għan li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura tal-ilma mfassla għall-kondizzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri differenti.

43. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jimmobilizzaw finanzjament privat kif ukoll jagħmlu użu mill-fondi disponibbli tal-UE għal proġetti ta' reżiljenza tal-ilma u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti kif ukoll fil-kisba tal-għanijiet ta' din l-istrateġija.
44. JINKORAĠĠIXXI inċentivi ekonomiċi għall-użu sostenibbli tal-ilma, inkluż teknoloġiji u prattiki intelliġenti fl-użu tal-ilma kif ukoll soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fis-setturi kollha, u dawk li jappoġġaw inizzjattivi ta' bidu u ta' espansjoni; JENFASIZZA l-importanza li jitqies il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.
45. JISĦAQ li l-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni għandha tiġi kkunsidrata meta jiġu vvalutati l-investimenti meħtieġa fl-infrastruttura tal-ilma.

VI. AZZJONI DINJIA

46. JIRRIKONOXXI li r-reżiljenza tal-ilma u l-protezzjoni taċ-ċiklu dinji tal-ilma huma kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli, it-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u l-istabbiltà u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali biex jiġu appoġġati s-sikurezza u s-sigurtà tar-riżorsi tal-ilma, il-persunal fil-qasam tal-ilma u l-infrastruttura f'żoni ta' konflitt.

47. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal diplomazija dinjija mtejbja dwar l-ilma u JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat li l-ilma jiġi integrat b'mod effettiv fl-aġenda dinjija u proċessi internazzjonali oħra li għandhom fil-mira tagħhom progress aktar koordinat li jibni fuq fora multilaterali eżistenti.
48. JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni u ta' pont tal-UE fit-tisħiħ tal-immaniġġjar sostenibbli u inklużiv tal-ilma fil-livell dinji, inkluż governanza mtejbja tal-ilma, immaniġġjar integrat tar-riżorsi tal-ilma, integrazzjoni aħjar tal-ilma fi proċessi dinjija oħra, adattament għat-tibdil fil-klima, aċċess għall-ilma tax-xorb u s-sanità għal kulħadd, u approċċ imtejjeb mis-sors għall-baħar.
49. JIRRIKONOXXI l-kompetenzi differenti bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea; JILQA' l-kollaborazzjoni mill-qrib fil-kuntest ta' konferenzi multilaterali, koalizzjonijiet u sħubijiet sabiex l-ilma jiġi integrat fil-proċessi intergovernattivi, u jinkisbu eżiti ambizzjużi u orjentati lejn l-azzjoni; JISĦAQ fuq l-importanza strateġika tar-reżiljenza tal-ilma fit-tisħiħ tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE fil-livell dinji u JINKORAĠĠIXXI l-użu tal-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE f'dan ir-rigward, inkluż permezz tal-Istrateġija Global Gateway.
50. JENFASIZZA l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-baċini tax-xmajjar transkonfinali, u JAPPELLA għal aktar kooperazzjoni mal-pajjiżi kandidati u r-reġjuni ġirien, b'mod partikolari fil-Baċir tax-Xmara Danubju, fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, kif ukoll sħab strateġiċi dinjija u JIRRIKONOXXI l-valur tal-ftehimiet bilaterali u l-iskambju tal-aħjar prattiki biex jittejjeb l-użu sostenibbli tal-ilma u jitnaqqsu r-riskji ta' konflitti dwar ir-riżorsi tal-ilma.

51. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn qawwi tal-UE għall-aġenda dinjija tan-NU dwar l-ilma u JAPPELLA għall-promozzjoni tal-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Ilma u l-applikazzjoni tagħha u l-użu tal-pjattaforma u l-għodod tal-Konvenzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Kors tal-Ilma; JINKORAĠĠIXXI l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tan-NU għas-Sistema kollha għall-Ilma u s-Sanità kif ukoll il-konsiderazzjoni tal-ilma bħala kwistjoni transversali fl-inizjattiva UN80.
52. JIRRAKKOMANDA li jiġu organizzati Konferenzi tan-NU dwar l-Ilma ambizzjużi, inklużivi u orjentati lejn l-azzjoni fl-2026 u l-2028, u JAPPELLA għal proċess intergovernattiv regolari tan-NU dwar l-ilma lil hinn minn dik l-iskeda ta' żmien.
53. IFAKKAR fid-dimensjoni tas-sigurtà tar-reżiljenza tal-ilma, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol tagħha fil-prevenzjoni tal-instabbiltà u t-trawwim tal-paċi madwar id-dinja u JISĦAQ fuq il-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati d-delitti tal-gwerra mmirati lejn is-sistemi tal-ilma, iċ-ċiklu tal-ilma, u s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom u JTENNI l-kundanna determinata tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU u tad-dritt internazzjonali.
-